MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-10 ta' Diċembru, 2018

Rikors Maħluf Numru 292/2015 LM

**Atlas Insurance PCC Limited (C5601) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Joseph Muscat**

***vs.***

**GasanMamo Insurance Limited (C3143)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-26 ta' Marzu, 2015 mis-soċjetà attriċi **Atlas Insurance PCC Limited** (C5601) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Joseph Muscat (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi"), u maħluf minn Dr Alessia Zammit McKeon (ID numru 550283M), li jgħid kif ġej:

1. *Illi fis-16 ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012), għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' wara nofsinhar (1.30pm), seħħ inċident awtomobilistiku fi Triq il-Kapuċċini, ir-Rabat, Għawdex, bejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JMM 984, proprjetà tal-assigurat tas-soċjetà esponenti Joseph Muscat u li kienet*

*misjuqa minnu, u l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BEE 140, li kienet misjuqa mill-assikurat tas-soċjetà intimata Francis Ġuda Cutajar u assikurata mis-soċjetà intimata GasanMamo Insurance Limited (Dok. A);*

2. *Illi għal dan l-inċident u konsegwenzjali danni kien jaħti unikament l-assikurat tas-soċjetà intimata Francis Ġuda Cutajar minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti, bi ksur tal-Artikoli 1031 u 1032(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *Illi konsegwentement għal dan l-inċident, is-soċjetà esponenti ġarrbet danni fl-ammont ta' tnax-il elf u seba' mitt Euro (€12,700) (Dok. B), u dan peress li l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JMM 984 – li ġiet dikjarata beyond economical repair – kienet assikurata mill-imsemmija soċjetà esponenti skont polza ta' assikurazzjoni fully comprehensive;*

4. *Illi di fatti, is-soċjetà esponenti Atlas Insurance PCC Limited, a tenur tal-imsemmija polza ta' assikurazzjoni maħruġa fir-rigward tal-assikurat tagħha Joseph Muscat, kif kienet obbligata tagħmel, indennizzat lill-istess assikurat tagħha fis-somma ta' erbatax-il elf Euro (€14,000) fuq riferit u għaldaqstant l-istess soċjetà Atlas Insurance PCC Limited ġiet surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha (Dok. C);*

5. *Illi minn l-indennizz li tħallas mis-soċjetà esponenti Atlas Insurance PCC Limited tnaqqas il-valur tar-wreck, li nbiegħ għas-somma ta' elf u tliet mitt Euro (€1,300). Għalhekk, id-danni li qed jiġu reklamati mis-soċjetà intimata jammontaw għal tnax-il elf u seba' mitt Euro (€12,700);*

6. *Illi minkejja li s-soċjetà intimata kienet interpellata diversi drabi sabiex tagħmel tajjeb għad-danni tas-soċjetà esponenti, anke permezz ta' ittra uffiċjali tat-3 ta' Mejju, 2013, u permezz ta' ittra uffiċjali tat-28 ta' Jannar, 2015, debitament notifikata lill-istess, hija baqgħet inadempjenti.*

*Għalhekk kellha ssir din il-kawża fejn is-soċjetà rikorrenti qed titlob li din l-Onorabbli Qorti, għar-raġunijiet kollha premessi, sabiex:*

1. *Tiddikjara lill-assikurat tas-soċjetà intimata Francis Ġuda Cutajar unikament responsabbli għall-inċident fuq deskritt;*

2. *Tiddikjara lis-soċjetà intimata unikament responsabbli għad-danni kollha li bħala konsegwenza tal-inċident awtomobilistiku de quo ġarrbet is-soċjetà rikorrenti;*

3. *Tillikwida d-danni sofferti mis-soċjetà rikorrenti fl-ammont ta' tnax-il elf u seba' mitt Euro (€12,700) occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*
4. *Tikkundanna lis-soċjetà intimata GasanMamo Insurance Limited fil-vesti tagħha ta' assikuratur tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BEE 140 sabiex tħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' tnax-il elf u seba' mitt Euro (€12,700) hekk likwidata.*

*Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-3 ta' Mejju, 2013 u tal-ittra uffiċjali tat-28 ta' Jannar, 2015, u bl-imgħax legali b'effett mit-3 ta' Mejju, 2013 kontra l-istess soċjetà intimata, li hija nġunta għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **GasanMamo Insurance Limited** (C3143) (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta"), li ġiet ippreżentata fit-22 ta' April, 2015, u maħlufa minn Maximilian sive Max Borg Bonello (ID numru 44574M) debitament awtorizzat għan-nom tal-istess soċjetà u in rappreżentanza tagħha, li biha eċċepiet:

1. *Illi preliminarjament lis alibi pendens, u dana stante illi dan l-inċident jifforma l-mertu ta' arbitraġġ illi qiegħed pendenti fiċ-Ċentru Malti għall-Arbitraġġ, u li fiha l-partijiet qegħdin jistennew biss il-pronunċjament tal-lodo finali;*

2. *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti u dana stante illi l-inċident in kwistjoni ma seħħx b'xi tort tal-assikurat tas-soċjetà intimata, iżda seħħ unikament tort tar-rikorrent Joseph Muscat stess, u minħabba traskuraġni, imperizja, u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħu, hekk kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża;*

3. *Illi subordinatament għat-tieni eċċezzjoni, id-danni pretiżi mir-rikorrenti huma wkoll ikkontestati, u dana stante illi huma esaġerati u eċċessivi; u għaldaqstant fi kwalunkwe każ, ir-rikorrenti għandhom iressqu kull prova valida skont il-liġi sabiex jipprovaw dawk illi allegatament sofrew in linea ta' danni minħabba dan l-inċident;*

4. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri kif permessi mil-liġi.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-4 ta' Lulju, 2018, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Din il-kawża nbdiet mis-soċjetà attriċi qua assikuratriċi ta' Joseph Muscat, wara li ġiet surrogata fil-jeddijiet tal-istess Joseph Muscat, li kellu inċident awtomobilistiku waqt li kien qiegħed isuq il-vettura JMM 984 fi Triq il-Kapuċċini, ir-Rabat Għawdex, li ħabtet ma' vettura misjuqa minn Francis Ġuda Cutajar, bin-numru ta' reġistrazzjoni BEE 140, li kienet assikurata mas-soċjetà konvenuta. Konsegwenza ta' dan l-inċident, il-vettura assikurata mas-soċjetà attriċi tqieset li kienet *beyond economical repair,* u s-soċjetà attriċi indennizzat lill-assikurat tagħha fl-ammont ta' erbatax-il elf Euro (€14,000), peress li l-polza tal-assikurazzjoni li kellu kienet waħda tat-tip *fully comprehensive.* Ir-*wreck* tal-vettura kien inbiegħ mis-soċjetà attriċi għall-prezz ta' elf u tliet mitt Euro (€1,300), u għalhekk is-soċjetà attriċi qiegħda permezz ta' dawn il-proċeduri, titlob lil din il-Qorti tiddikjara li l-assikurat tas-soċjetà konvenuta kien unikament responsabbli għal dan l-inċident, tiddikjara li s-soċjetà

konvenuta hija responsabbli għad-danni kollha sofferti mis-soċjetà attriċi, tillikwida d-danni fl-ammont ta' €12,700, u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta għall-ħlas tal-imsemmija somma.

Is-soċjetà konvenuta min-naħa tagħha qajmet l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* fejn qalet li għad hemm proċeduri quddiem iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ li għad iridu jiġu deċiżi.[1]Barra minn hekk hemm kontestazzjoni kemm fir-rigward tal-kwestjoni tat-tort għal dan l-inċident, li s-soċjetà konvenuta tallega li seħħ unikament tort tal-assikurat tas-soċjetà attriċi, kif ukoll fir-rigward tal-*quantum* tal-kumpens pretiż, stante li s-soċjetà konvenuta eċċepiet li l-ammont ta' danni reklamati mis-soċjetà attriċi hu esaġerat u eċċessiv.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Kontestwalment mar-rikors promutur is-soċjetà attriċi esebiet kopja tar-rapport tal-Pulizija[2] bi skizz anness[3], kopja tar-rapport tas-*surveyor* li evalwa l-istat li kienet fih il-vettura assikurata mas-soċjetà attriċi fejn ġie stabbilit li din il-vettura għandha tiġi kklassifikata bħala *total loss*[4], sensiela ta' ritratti li jindikaw l-istat li spiċċat fih wara l-inċident il-vettura tal-għamla Volkswagen Passat misjuqa minn Joseph Muscat[5], u kopja ta' dikjarazzjoni li saret mill-assikurat tas-soċjetà attriċi, Joseph Muscat, fejn iddikjara li huwa kien irċieva mingħand is-soċjetà attriċi s-somma ta' erbatax-il elf Euro (€14,000) bħala riżarċiment tad-danni li huwa sofra b'konsegwenza tal-inċident mertu tal-

[1] Sussegwentement din l-eċċezzjoni ġiet irtirata mis-soċjetà konvenuta.
[2] *A fol.* 4 tal-proċess.
[3] *A fol.* 9 tal-proċess.
[4] *A fol.* 10 tal-proċess.
[5] *A fol.* 13 sa 17 tal-proċess.

kawża, u fejn irrikonoxxa li s-soċjetà attriċi kienet qiegħda tiġi surrogata fil-jeddijiet kollha tiegħu.[6]

Fl-udjenza tat-13 ta' Lulju, 2015, is-soċjetà konvenuta irtirat l-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħha.[7]

Fl-udjenza tal-1 ta' Marzu, 2016, il-Qorti semgħet ix-xhieda tas-Surġent tal-Pulizija **PS 428, Carmelo Debattista**[8], li kkonferma li dakinhar li seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, fis-16 ta' Settembru, 2012, għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' waranofsinhar, hu kien ġie msejjaħ fuq is-sit tal-inċident, fejn sab żewġ vetturi maħbutin, waħda tal-għamla Volkswagen Golf bin-numru ta' reġistrazzjoni BCA 258, u l-oħra tal-għamla Volkswagen Passat bin-numru ta' reġistrazzjoni JMM 984. Ix-xhud spjega fejn hu s-sit li fih seħħ l-inċident, quddiem il-Kunvent tal-Kapuċċini fir-Rabat, Għawdex, fil-parti tan-niżla lejn Marsalforn. Ix-xhud qal li l-verżjoni mogħtija mill-assikurat tas-soċjetà attriċi fil-mumenti ta' wara l-inċident, imma sussegwentement ġie stabbilit li din il-verżjoni ta' kif seħħ l-inċident ittieħdet waqt li Joseph Muscat kien qiegħed jiġi kkurat fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, kienet li waqt li kien nieżel lejn Marsalforn, hu sab ruħu ġo ħajt. Joseph Muscat kien reġa' mar l-għassa tal-Pulizija fil-21 ta' Settembru 2012, fejn talab li jżid stqarrija mal-verżjoni oriġinali ta' kif seħħ l-inċident, u dan minħabba li allegatament, wara li għaddielu x-xokk, hu beda jiftakar aktar dettalji dwar id-dinamika tal-inċident, fejn żied li waqt li hu kien nieżel lejn Marsalforn b'veloċità normali, f'ħin minnhom għaddiet vettura minn ħdejh, ħass daqqa u sab ruħu bil-karozza tiżżerżaq in-naħa l-oħra tat-triq. Muscat qal ukoll li wara induna li bl-impatt

[6] *A fol.* 18 tal-proċess.
[7] Verbal *a fol.* 28 tal-proċess.
[8] *A fol.* 42 tal-proċess.

kienet inqalgħetlu r-rota tal-karozza tan-naħa ta' quddiem tal-parti tas-sewwieq. Ix-xhud qal li t-triq hija *two-way*, u li t-triq hi wiesgħa biżżejjed biex il-vetturi jibqgħu għaddejjin mingħajr il-ħtieġa li xi vettura tieqaf biex tgħaddi oħra. Ix-xhud ikkonferma li kemm ir-rota kif ukoll ix-*shock absorber* tal-vettura misjuqa minn Joseph Muscat inqalgħu bl-impatt, u li l-parti ta' quddiem taż-żewġ vetturi tfarrket. Hu kompla jgħid li fit-triq kien hemm diversi biċċiet tat-tifrik tal-vetturi, u li hu ma setax jindika l-punt eżatt li fih seħħ l-impatt minħabba li ż-żewġ vetturi mxew mal-impatt. Qal ukoll li ż-żewġ vetturi ġarrbu ħsarat estensivi. Ix-xhud ikkonferma li Joseph Muscat kien ġie rilaxxjat mill-Isptar dakinhar stess tal-inċident. Mitlub jindika jekk id-*debris* tal-vetturi kienx fuq xi karreġġjata partikolari, ix-xhud wieġeb hekk,

> "Ċentrali iktar kien bħala *debris*, ma kienx wieħed *offline* totalment jew in-naħa l-oħra. *Side to side* għax *mudguard* ma' *mudguard* u fanal ma' fanal mhux *head on* bħala daqqa kienet."

Ix-xhud esebixxa wkoll kopja ta' skizz imħejji minnu dakinhar tal-inċident[9], u kopja tar-rapport tal-Pulizija.[10]

Fl-istess udjenza xehed ukoll **PC 1506 Louis Calleja**[11], li kkonferma li dakinhar tal-inċident hu kien ġie infurmat li seħħ inċident mill-Għassa tar-Rabat Għawdex, u li meta wasal fuq il-post fejn seħħ l-inċident hu sab li t-traffiku kien diżorganizzat minħabba li kienet ingħalqet karreġġjata minnhom. Ix-xhud qal li hu beda jidderieġi t-traffiku. Hu qal li l-impatt kien wieħed kbir u li kien hemm ħafna *debris* mal-art. Mistoqsi jispeċifika fuq liema karreġġjata kien id-*debris*, ix-xhud qal li ma jiftakarx għaliex meta wasal hu kien laħaq inġabar ħafna traffiku fuq il-post.

---

[9] *A fol.* 48 tal-proċess.
[10] *A fol.* 49 tal-proċess.
[11] *A fol.* 55 tal-proċess.

Xehed ukoll **PC 1115, John Mary Attard**[12], li qal li hu kien intalab jassisti għal kolliżjoni li seħħet fi Triq il-Kapuċċini, ir-Rabat, Għawdex, u li l-irwol tiegħu dak il-ħin kien li jidderieġi t-traffiku minħabba li kien hemm konfużjoni sħiħa bit-traffiku mwaħħal f'ġurnata fejn fl-inħawi kienet qiegħda tiġi ċċelebrata l-festa tal-lokal.

Fl-udjenza tat-13 ta' Ġunju, 2016 xehed **Steve Conti**[13], impjegat bħala *claims manager* mas-soċjetà attriċi, li qal li fil-perijodu li fih seħħ l-inċident, il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JMM 984 li kienet tinstaq minn Joseph Muscat, kienet assigurata mas-soċjetà attriċi b'*comprehensive cover.* Ix-xhud qal li s-soċjetà attriċi ġiet infurmata b'dan l-inċident mit-tifla ta' Muscat stess l-għada li seħħ l-inċident, fis-17 ta' Settembru, 2012, u immedjatament is-soċjetà attriċi kienet fetħet il-*file* relattiv u qabbdet *surveyor* biex jara x'danni kellha l-vettura. Ix-xhud qal li s-*surveyor* Tarcisio Mercieca kien ta parir biex il-vettura ma tissewwiex minħabba li dan stabbilixxa li din kienet *beyond economical repair.* Ix-xhud qal li fid-dawl ta' dan ġie deċiż li s-soċjetà assiguratriċi tħallas somma flus lill-assigurat tagħha, fl-ammont ta' erbatax-il elf Euro (€14,000), filwaqt li minnhom inġabru elf u tliet mitt Euro (€1,300)[14] bħala *salvage value* tal-vettura. Huwa minħabba f'hekk, kompla x-xhud, li t-talba tas-soċjetà attriċi f'din il-kawża ġiet illimitata għas-somma ta' tnax-il elf u seba' mitt Euro (€12,700).

Fl-udjenza tat-30 ta' Jannar, 2017 xehed **Tarcisio Mercieca**[15] li jaħdem bħala *surveyor freelance* tal-vetturi, u li qal li kien ilu tmintax-il sena jagħmel dan ix-

[12] *A fol.* 57 tal-proċess.
[13] *A fol.* 61 tal-proċess.
[14] Kopja ta' *debit note* f'dan ir-rigward ġiet esebita mix-xhud u tinsab *a fol.* 63 tal-proċess.
[15] *A fol.* 70 tal-proċess.

xogħol. Ix-xhud qal li hu kien tqabbad biex jagħmel dan ix-xogħol mis-soċjetà attriċi, u li minn dak li seta' jikkonstata, il-vettura Volkswagen Passat JMM 984,

> "[k]ellha daqqa tajba fuq in-naħa tar-*right, suspension, air bags deployed,* daqqa tajba ħafna. Jien ittotaljajtha dak in-nhar."

Ix-xhud qal li l-parti l-kbira tal-ħsara kienet fuq il-parti tal-lemin tal-vettura, u li hu kien stabbilixxa li l-ħsara kienet waħda totali u għalhekk is-soċjetà attriċi ddeċidiet li ma tagħmilx tiswijiet fil-vettura. Ix-xhud kompla jgħid li l-*parts* tal-vettura bl-ispejjeż b'kollox telgħu għal ħdax-il elf, tmien mija u sebgħa u erbgħin Euro (€11,847), u dan meta l-valur tal-vettura fis-suq kien ta' tlettax-il elf Euro (€13,000), liema valur ġie aġġustat għal erbatax-il elf Euro (€14,000) minħabba li l-vettura ma tantx kellha mili u kienet ikkundizzjonata. Ix-xhud ikkonferma wkoll li dan il-prezz tas-suq hu dak stabbilit minn *guide book* ippubblikat mill-assoċjazzjonijiet tal-assigurazzjoni sabiex ikun hemm linja gwida tal-prezzijiet f'każijiet simili, liema gwida jiġi kkonfermat ukoll permezz ta' komunikazzjoni li ssir ma' *dealers* tal-karozzi.

Il-kontroeżami tax-xhud **Tarcisio Mercieca** sar fl-udjenza tas-27 ta' Novembru, 2017, fejn ġie mistoqsi dwar liema huma l-konsiderazzjonijiet li tieħu soċjetà tal-assikurazzjoni meta tiġi biex tiffissa l-valur fis-suq ta' vettura, u x-xhud wieġeb li l-fatturi ewlenin huma l-kundizzjoni tal-vettura, l-ammont ta' mili li tkun għamlet, il-*guide book* kif ukoll il-prezzijiet li jistabbilixxu d-*dealers.* Ix-xhud spjega li l-vettura Volkswagen Passat li kienet misjuqa minn Joseph Muscat kienet ilha barra mis-sena 2005, u li din kellha 112,800 kilometru, li hu ammont pjuttost baxx ta' mili. Ix-xhud qal li minkejja li oriġinarjament hu kien iffissa l-valur ta' tlettax-il elf Euro (€13,000) għall-vettura li ġiet skrappjata, il-

prezz kellu jiġi rivedut għal erbatax-il elf Euro (€14,000) wara li kien hemm negozjati mas-sid tal-vettura u ttieħdet konsiderazzjoni ta' kemm hu l-prezz li ġġib vettura simili bl-istess ammont ta' mili fis-suq tal-vetturi. Ix-xhud qal ukoll li l-vettura inkwistjoni kienet assigurata għas-somma ta' erbatax-il elf Euro (€14,000). Hu kkonferma li r-*wreck value* tal-vettura kien ta' elf u tliet mitt Euro (€1,300) u li f'dan il-każ hu qies li m'għandux jitlob *quotations* tal-parts, *labour* u *spray* li kienu meħtieġa fuq il-vettura minħabba li din kellha ħsarat estensivi u hu ħass li ħadd ma kien ser joqgħod jagħti *quotation* dettaljata meta kien ċar li ma kienx vijabbli li din il-vettura tissewwa. Ix-xhud qal li hu kkunsidra biss l-ispejjeż fuq dak li seta' jara meta evalwa l-vettura, iżda qal ukoll li biex ikkonkluda li l-vettura kienet *beyond economical repair* kien qies ukoll li meta jibdew it-tiswijiet fuq il-vettura kienu ser jinstabu ħsarat oħra bir-riżultat li l-ispejjeż ikunu akbar minn dawk li ġew stabbiliti minnu.

Ix-xhud iċċara wkoll li hu kien qabel mal-*pre-accident market value* ta' erbatax-il elf Euro (€14,000), u li kien hu li awtorizza lis-soċjetà assikuratriċi tiffissa dak il-valur għall-prezz tal-vettura. Ix-xhud ikkonferma li kieku l-vettura kellha tissewwa, kien hemm fattur ieħor bħalma hu l-*loss of use* li kellu jittieħed inkonsiderazzjoni, u qal li jkun jeħtieġ minimu ta' xahrejn żmien biex ix-xogħol li kien meħtieġ li jsir fuq il-vettura, isir, terminu ta' żmien li fih tkun trid tinkera vettura għall-użu mis-sid, u li dan hu fattur ieħor li jrid jiġi kkunsidrat.

L-assikurat tas-soċjetà attriċi **Joseph Muscat**, għażel li jixhed bil-mezz tal-*affidavit*[16], fejn ikkonferma li l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri seħħ nhar il-Ħadd, 16 ta' Settembru, 2012 għall-ħabta tas-13:00, waqt li hu kien nieżel

[16] *A fol.* 103 tal-proċess.

Marsalforn. Qal li hu kien għaddej b'veloċità moderata minħabba li kien jaf li kienet ġejja liwja fit-triq. Qal li f'salt wieħed ra qisha leħħa sewda għaddejja minn miegħu, ħass daqqa u minkejja li għafas il-pedala tal-*brake,* din ma bdietx tirrispondi, bir-riżultat li spiċċa jiżżerżaq in-naħa l-oħra tat-triq sakemm il-vettura waqfet quddiem ċint mingħajr ma ħabtet miegħu.

Ix-xhud kompla jgħid li mad-daqqa nfetħu l-*airbags* tal-vettura tiegħu, u kien inkisirlu n-nuċċali tal-vista u li minħabba f'hekk kellu ġrieħi f'wiċċu. Qal li kellu xokk qawwi u minħabba f'hekk ittieħed l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex bl-ambulanza. Hu kompla jgħid li waqt li kien l-Isptar kien mar ikellmu surġent tal-Pulizija sabiex jieħu l-verżjoni tiegħu ta' kif seħħ l-inċident, u li dak il-ħin ma seta' jiftakar xejn, iżda aktar ma beda jgħaddi l-ħin aktar beda jiftakar dettalji mill-inċident. Ix-xhud qal li xi ġimgħat wara hu kien ġabar ukoll kopja tal-iskizz li saret mill-Pulizija, li b'diżappunt għalih kien nieqes minn diversi dettalji, tant li hu ħass il-ħtieġa li jagħmel ittra ta' protesta u jibgħatha lill-Kummissarju tal-Pulizija[17], sabiex jipprotesta għall-fatt li għadd ta' dettalji importanti li jistgħu jitfgħu dawl fuq kif seħħ l-inċident u fuq min għandu jġorr ir-responsabbilità għalih, tħallew barra. Hu kompla jgħid li l-vettura misjuqa minnu kienet waħda ta' ċertu toqol, iżda minkejja dan, mal-impatt mal-vettura l-oħra, inqalgħet ir-rota ta' quddiem tan-naħa tax-xufier bix-*shaft* b'kollox, u li dan seħħ biss minħabba fis-saħħa tal-impatt u l-veloċità li kienet għaddejja biha l-vettura l-oħra. Ix-xhud qal li dan id-dettall irid jitqies fl-isfond tal-fatt li hu kien nieżel in-niżla filwaqt li l-vettura l-oħra kienet għat-telgħa. Ix-xhud qal li l-marki fl-art baqgħu jidhru għal diversi ġimgħat wara l-inċident u li minħabba li fuq l-iskizz ma kienx hemm indikazzjoni tal-kejl, hu kien mar jieħu xi kejl tad-distanzi skont il-marki li kienu għadhom jidhru fit-triq, li kienu

[17] Kopja *a fol.* 105 tal-proċess.

jikkorrispondu mar-ritratti li ttieħdu eżatt wara l-inċident[18], liema distanzi hu niżżilhom fuq il-kopja tal-iskizz li kien ġabar mingħand il-Pulizija.

Fl-ittra ta' protesta mibgħuta lill-Kummissarju tal-Pulizija, l-assikurat tas-soċjetà attriċi rrefera għall-fatt li l-iskizz mogħti lilu li jindika dak li sabu l-Pulizija wara li seħħet il-kolliżjoni, huwa nieqes minn dettalji bħalma huma d-daqqiet, grif, marki mal-wiċċ tat-triq, li lkoll jagħtu indikazzjoni tal-mod kif seħħ l-impatt. Fl-ittra tiegħu x-xhud qal li mad-daqqa, ir-rota tal-vettura tiegħu inqalgħet minn postha u "taret diversi metri 'l fuq", u qal li l-iskizz imkien ma jindika li kien hemm rota li spiċċat maqlugħa. Ix-xhud qal ukoll li l-iskizz jagħti impressjoni li hu kien b'xi mod invada l-karreġġjata opposta tat-triq, u li kien għalhekk li seħħet il-kolliżjoni, meta dan ma kienx il-każ. Hu żied jgħid li anki l-konfigurazzjoni tat-triq murija fl-iskizz ma tirriflettix il-verità u dan minħabba li imkien m'hemm indikat li fit-triq hemm liwja. Ix-xhud fl-ittra tiegħu allega wkoll li l-frak li waqa' mal-art wara li seħħet il-kolliżjoni beda jitferrex f'kull direzzjoni mill-vetturi li baqgħu għaddejjin mit-triq, u dan minħabba li t-triq ma ngħalqitx, xi ħaġa li lilu ppreġudikatu serjament. Ix-xhud qal ukoll li l-ewwel verżjoni tiegħu ta' kif seħħ l-inċident ittieħdet meta hu kien qiegħed isofri minn xokk qawwi, u li dan ukoll lilu kkawżalu preġudizzju.

Bint Joseph Muscat, **Dr Nadia Vella**, li waslet fuq il-post tal-inċident ftit minuti wara li seħħ, ukoll għażlet li tixhed bil-mezz tal-*affidavit.*[19] Ix-xhud qalet li fil-ħin li fih seħħ l-inċident hi kienet Marsalforn, u li hekk kif il-familja rċeviet telefonata li missierha kellu inċident, dawn marru fuq il-post ħalli jaraw x'ġara. Ix-xhud qalet li hi kienet staqsiet lis-Surġent dettalji dwar il-mod kif seħħ l-

[18] Kopji *a fol.* 108 *et seq.* tal-proċess.

[19] *A fol.* 113 tal-proċess.

inċident, iżda dan weġibha biss li hu ma kienx ra l-inċident iseħħ quddiem għajnejh. Qalet li hi bdiet tieħu ritratti tal-marki li kien hemm fl-art, bil-għan li dawn ikunu ta' għajnuna sabiex hi tifhem x'ġara. Qalet ukoll li t-triq fl-ebda ħin ma ngħalqet għat-traffiku. Ix-xhud qalet li fuq is-sit kien hemm rota maqlugħha tal-vettura misjuqa minn missierha, kif ukoll marki ta' daqqiet mal-art li kienu jindikaw il-post fejn mielet il-vettura ta' missierha meta din spiċċat mingħajr ir-rota ta' quddiem. Ix-xhud qalet ukoll li fl-art kien hemm sinjali ta' grif li jindikaw li l-vettura tkaxkret għan-naħa opposta tat-triq minħabba li wara li nqalgħet ir-rota, din spiċċat mingħajr kontroll. Ix-xhud esebiet ukoll ir-ritratti li ttieħdu minnha wara li seħħ l-inċident.[20]

Fl-udjenza tat-22 ta' Jannar, 2018 sar il-kontroeżami ta' **Joseph Muscat**[21], li qal li l-veloċità li kien għaddej biha hu tista' titqies li kienet waħda "normali", tenut kont tal-fatt li hu kien nieżel ma' liwja, u għalhekk ma kienx qiegħed jeċċedi l-erbgħin kilometru fis-siegħa. Qal ukoll li hu jgħaddi minn din it-triq b'mod regolari, u li l-inċident seħħ fil-parti tat-triq wara li wieħed jaqbeż il-*bus stop* quddiem il-kunvent tal-Kapuċċini, u li ma kien hemm xejn partikolari li seta' jostakolalu l-vista fil-ħin tal-inċident. Ix-xhud qal li quddiemu ma kellux vetturi, u li t-traffiku li kien tiela' mid-direzzjoni opposta laħaq għadda. Qal li hu lemaħ il-vettura l-oħra biss hekk kif seħħ l-impatt. Fi kliem ix-xhud,

> "Għaliex kienet viċin is-*central strip* u nimmaġina li bil-veloċità li kienet tiela' l-vettura l-oħra ma kienx hemm ħin twil biex wieħed seta' jara x'inhu jiġri."

Lix-xhud sarlu riferiment għall-iskizz *a fol.* 112 tal-proċess, l-iskizz li ġie immarkat minnu bid-distanzi li rriżultawlu wara l-inċident mill-marki li kienu għadhom jidhru fl-art, u ntalab jagħmel ċirku fuq il-parti tal-iskizz li skont hu

[20] *A fol.* 115 *et seq.* tal-proċess.
[21] *A fol.* 123 tal-proċess.

tindika l-*point of impact.* Mistoqsi dwar is-sinjali ta' grif li kien hemm fl-art wara l-inċident, ix-xhud qal li dawn kienu jindikaw il-post fejn weħlet ir-rota tal-vettura tiegħu meta nqalgħet minn postha wara l-impatt. Ix-xhud qal li l-uniċi kelmiet li jiftakar li qallu s-sewwieq tal-vettura l-oħra involuta fl-inċident kienu "aħjar tmur l-Isptar". Ix-xhud ikkonferma li r-rota tal-vettura tiegħu spiċċat fuq il-karreġġjata n-naħa l-oħra tat-triq.

Fl-istess udjenza sar ukoll il-kontroeżami ta' **Dr Nadia Vella**[22], li kkonfermat li hi ma kinitx rat l-inċident iseħħ, għalkemm qalet li hi toqgħod viċin ħafna tal-post li fih seħħ l-inċident u li t-triq inkwistjoni hi waħda li hi tgħaddi minnha ta' kuljum. Ix-xhud spjegat li l-*iscratch marks* fil-wiċċ tat-triq kienu jidhru li kienu friski, tant li kienu għadhom bojod minkejja li t-triq traffikuża, u qalet ukoll li l-forma tagħhom kienet tindika eżatt il-post li minnu tkaxkret il-vettura misjuqa minn Joseph Muscat sa fejn eventwalment waqfet. Ix-xhud ġiet mistoqsija dwar il-fatt li r-rota li nqalgħet ma waqfitx f'nofs ta' triq iżda sabet ruħha fuq il-karreġġjata l-oħra tat-triq, u għal din il-mistoqsija wieġbet illi,

> "Jekk tara sewwa l-post ta' minn fejn inqalgħet ir-rota jiġifieri l-bidu tas-*shaft* tagħha hu eżatt f'nofs ta' triq jiġifieri int trid tapprezza li din ir-rota ingħatat daqqa, inqalgħet bl-impatt. Jiġifieri żgur jindika li meta l-karozza ta' missieri kienet għan-niżla u xi ħaddieħor kien għat-telgħa, ir-rota ta' missieri kienet li nqalgħet ..."

Ix-xhud ikkonfermat għadd ta' drabi li l-*iscratch marks* indikati minnha kienu għadhom kemm saru u dan minħabba li t-triq inkwistjoni hi waħda li hi tgħaddi minnha kuljum, kif ukoll għax inzerta li f'dak iż-żmien it-triq kienet għadha kif ingħatalha wiċċ ġdid ta' *tarmac*, u qalet li kieku l-marki kienu evidenti fl-art minn qabel, hi kienet tinduna bihom. Hi qalet ukoll li l-marki

[22] *A fol.* 129 tal-proċess.

baqgħu jidhru għal għadd ta' ġranet wara l-inċident, sakemm maż-żmien tgħattew għalkollox.

Min-naħa tagħha s-soċjetà konvenuta esebiet kopja tal-*affidavit* ta' **Francis Jude Cutajar**[23], li kien qiegħed isuq il-vettura tal-għamla Volkswagen Golf bin-numru ta' reġistrazzjoni BEE 140 fil-ħin li fih seħħ l-inċident. Hu qal li miegħu riekba fil-vettura kien hemm martu Rachel li kienet riekba fis-*seat* ta' wara tan-naħa tax-xufier, kif ukoll bintu Michaela ta' tnax-il sena, li kienet riekba fuq quddiem, u ibnu Isaac ta' għaxar snin li kien riekeb fuq wara. Hu qal li fil-ħin tal-inċident hu kien tiela' minn Marsalforn fid-direzzjoni tar-Rabat, u li t-triq li fiha seħħ l-inċident fiha xi liwjiet. Hu qal li għalkemm fil-parti fejn seħħ l-inċident jgħaddu żewġ vetturi ħdejn xulxin, il-karreġġjata li kien għaddej minnha s-sewwieq l-ieħor, Joseph Muscat, hi kemxejn idjaq minħabba li hemm bankina li tisporġi fuq it-triq, u għalhekk il-vetturi li jkunu neżlin minnha jridu *jżommu* mal-parti tal-karreġġjata tagħhom. Ix-xhud qal li hu kien qiegħed isuq b'veloċità ta' madwar erbgħin kilometru fis-siegħa, u li kien attent għall-veloċità kemm minħabba li kien qiegħed f'liwja, kif ukoll minħabba li miegħu kellu lill-mara u lit-tfal. Hu qal li hekk kif wasal viċin il-kunvent tal-Kapuċċini li hemm f'din it-triq, hu ra l-vettura misjuqa minn Joseph Muscat nieżla b'veloċità eċċessiva, u f'daqqa waħda ra lix-xufier Joseph Muscat jikser għal fuq il-karreġġjata tiegħu. Qal ukoll li d-distanza kienet waħda qasira u li hu ma seta' jagħmel xejn biex jevita l-impatt. Ix-xhud qal li l-impatt kien wieħed qawwi ħafna, tant li nfetħu l-*airbags* tal-vettura tax-xhud li spiċċat mitfugħa ġol-ħajt fuq ix-xellug daqs metru lura, bir-riżultat li l-axle ta' wara tal-vettura tiegħu tgħawweġ ukoll. Qal ukoll li riżultat tal-impatt il-bibien tan-naħa tas-

[23] *A fol.* 136 tal-proċess.

sewwieq tal-vettura tiegħu ma setgħux jinfetħu, u li hu u bintu ħarġu mill-bieba tal-passiġġier, filwaqt li kellu jkun hu li jiftaħ il-bieba ta' wara biex setgħu jinħarġu martu u ibnu. Hu qal illi mal-impatt ir-rota ta' quddiem tal-vettura l-oħra nqalgħet u baqgħet fuq l-istess karreġġjata illi fiha seħħ l-inċident. Ix-xhud ċaħad li b'xi mod kien hu li invada l-karreġġjata tal-vettura l-oħra, u sostna li kien Muscat li invada l-karreġġjata tiegħu, tant illi qal li d-daqqiet imġarrba fil-vettura tiegħu kienu jikkonsistu f'għattna fin-naħa tal-lemin tal-vettura, filwaqt li l-*bumper* ta' quddiem ma ntmessx. Hu qal li anki d-*debris* ta' wara l-ħabta kien jinsab fil-karreġġjata li kien jinsab fiha hu. Ix-xhud qal ukoll li l-*ispot of impact* indikat minn Joseph Muscat mhux dak korrett, u l-ħabta fil-fatt seħħet aktar 'il fuq skont kif indikat mix-xhud fl-iskizz *a fol.* 138 tal-proċess.

Ix-xhud ippreżenta kopja ta' *survey report*[24] fir-rigward tal-vettura misjuqa minnu, li wkoll ġiet ikklassifikata bħala *beyond economic repair,* flimkien ma' ritratti li juru l-ħsarat sostnuti minn din il-vettura.[25]

**Rachel Galea**, mart is-sewwieq tal-vettura Volkswagen Golf, xehdet ukoll bil-mezz tal-*affidavit*[26] fejn ikkonfermat li l-inċident inkwistjoni seħħ meta hi flimkien mat-tfal tagħha kienu rekbin f'vettura misjuqa mir-raġel tagħha, Francis Jude Cutajar, u fil-ħin tal-inċident kienu qegħdin jirritornaw lejn id-dar tagħhom. Qalet li żewġha kien qiegħed isuq bil-galbu, u li huma ma kellhomx xi għaġġla partikolari. Qalet ukoll li fil-ħin tal-inċident hi kienet qiegħda titkellem ma' binha Isaac, meta f'daqqa waħda semgħet lil bintha Michaela, li kienet riekba quddiem, tgħajjat, "[ġ]ej għal fuqna", u ftit wara ħasset id-daqqa

[24] *A fol.* 139 tal-proċess.
[25] *A fol.* 142 *et seq.* tal-proċess.
[26] *A fol.* 151 tal-proċess.

man-naħa tas-sewwieq, li hi l-istess naħa fejn kienet riekba hi fuq in-naħa ta' wara. Ix-xhud qalet li mad-daqqa hi ħassitha tmur l-ewwel lura u mbagħad 'il quddiem, u l-ewwel ħabtet rasha mas-*seat* tagħha stess u mbagħad mat-tieqa tan-naħa tagħha, u fl-istess ħin ħasset uġigħ kbir f'idha tax-xellug. Ix-xhud iddeskriviet il-mumenti ta' wara l-inċident bħala ta' paniku speċjalment minħabba li l-*airbags* tal-vettura nfetħu kollha, u l-bibien tan-naħa tas-sewwieq ma setgħux jinfetħu. Hi qalet li hekk kif niżlu mill-karozza hi setgħet tara rota fil-karreġġjata li kienu fiha huma, u wara indunat li dik kienet ir-rota tal-vettura li kellhom impatt magħha. Qalet ukoll li hi għadha tbati l-konsegwenzi ta' dan l-inċident.

Fl-udjenza tat-22 ta' Marzu, 2018 xehed **Henry Grech**[27], li esebixxa kopja ta' *insurance certificate schedule* b'rabta mal-vettura JMM 984 għas-sena 2012.[28]

Fl-udjenza tat-28 ta' Mejju, 2018 sar il-kontroeżami tax-xhud **Francis Jude Cutajar**[29], li speċifika li l-liwja msemmija minnu hi dik li jekk wieħed ikun tiela' minn Marsalforn, isib fin-naħa tal-lemin tiegħu. Qal ukoll li hu kien ġej minn Marsalforn fid-direzzjoni tar-Rabat. Mistoqsi dwar il-veloċità li kien għaddej biha fil-mumenti qabel seħħ l-inċident, ix-xhud qal li hu kien għaddej bl-erbgħin kilometru (40 km) fis-siegħa u li ftit qabel kien għadu kemm għadda minn fuq *zebra-crossing*, u għalhekk ma setax kien qiegħed isuq b'veloċità akbar minn hekk. Qal ukoll li dak il-ħin fit-triq la kien hemm vetturi u lanqas persuni jaqsmu minn fuq iż-*zebra-crossing*. Ix-xhud qal li hekk kif ra l-vettura misjuqa minn Joseph Muscat l-ewwel darba, din kienet tul ta' żewġ vetturi

[27] *A fol.* 157 tal-proċess.
[28] *A fol.* 159 tal-proċess. Il-valur tal-vettura indikat f'din il-polza hu ta' €14,000, madanakollu s-soċjetà assikuratriċi stipulat. ukoll *disclaimer: "If the Market Value is less than this estimate, Your Policy will only pay the Market Value in the event of a total loss."*
[29] *A fol.* 162 tal-proċess.

bogħod minnu, u li dan filli kien għaddej fil-karreġġjata tiegħu filli kiser għal fuq il-karreġġjata opposta li kien qiegħed isuq fiha x-xhud. Qal li dan kollu ġara f'distanza qasira ferm,

> "Lanqas nofs tul ta' karozza għax hu, jien kont tiela', hu nieżel u f'daqqa waħda dan swervja fuqi."

Ix-xhud speċifika li dak il-ħin, Joseph Muscat kien għadu għaddej fid-dritta, filwaqt li hu kien appena ħiereġ mil-liwja u ser jibda jsuq fil-parti d-dritta tat-triq. Qal ukoll li hu ma kellux ċans jimmanuvra. Ix-xhud qal ukoll li l-ħabta seħħet bejn il-kantuniera tal-vettura misjuqa minn Muscat, mal-ġenb tal-vettura misjuqa minnu. Hu qal ukoll li r-rota tal-vettura misjuqa minn Muscat inqalgħet u weħlet mar-rota tal-vettura tiegħu, minħabba li l-vettura misjuqa minn Muscat spiċċat anki bl-i*steering* miksur.

Fl-udjenza tat-28 ta' Mejju, 2018 sar il-kontroeżami tax-xhud **Rachel Galea**[30], li qalet li r-raġel tagħha ma kienx qiegħed isuq b'veloċità qawwija, bl-erbgħin kilometru fis-siegħa (40km). Ix-xhud qalet li la kien hemm traffiku u lanqas nies fit-triq f'dak il-ħin. Ix-xhud qalet li qabel seħħ l-impatt hi ma kinitx rat il-vettura li kien qiegħed isuq Joseph Muscat, u li l-unika ħaġa li taf hi li semgħet lit-tifla twerżaq "ġejja fuqna" u l-impatt li seħħ wara.

[30] *A fol.* 169 tal-proċess.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

*Ir-responsabbiltà għall-inċident*

Permezz tat-talbiet tas-soċjetà attriċi, il-Qorti qiegħda tintalab tiddetermina min mis-sewwieqa involuti fl-inċident mertu tal-kawża kien responsabbli għall-akkadut, sabiex sussegwentement tistabbilixxi jekk hemmx danni x'jiġu likwidati favur is-soċjetà attriċi.

Il-verżjonijiet mogħtija mill-persuni involuti f'dan l-inċident kienu għalkollox konfliġġenti, tant li l-partijiet jaddebitaw il-ħtija lil xulxin għal dan l-inċident li wassal biex iż-żewġ vetturi involuti ġew skrappjati minħabba l-ħsarat estensivi li dawn ġarrbu. Meta jkun hemm kuntrast bejn ix-xhieda tal-partijiet, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx dak li jkun ġie spjegat lilu, iżda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja.[31] Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li biżżejjed li jkun inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabbilitajiet.[32]

Mhux l-ewwel darba li l-Qorti tkun rinfaċċjata b'verżjonijiet opposti għal xulxin. Anzi, meta każ ikun kontestat fuq il-provi u mhux fuq l-interpretazzjoni tal-liġi, x'aktarx li huwa proprju dak li jiġri, ċjoè li jkun hemm verżjonijiet konfliġġenti. Dwar dan f'sentenza fl-ismijiet **George Bugeja *vs.* Joseph Meilak**[33] ingħad illi:

---

[31] **Borg vs. Bartolo**, Appelli Inferjuri, 25.06.1980.
[32] *Vide* wkoll **Caruana *vs.* Laurenti**, P.A., 08.04.1994, **Borg *vs.* *Manager* tal-Intrapriża tal-Ħalib**, P.A., 17.07.1981, **Vassallo *vs.* Pace (**Vol.LXX.II.144) u **Zammit *vs.* Petrococchino,** App.Kum., 25.02.1952.
[33] P.A., 30.10.2003.

> "[f]il-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju mhuwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet."

Il-Qorti qieset li l-aktar prova oġġettiva li nġabet f'din il-kawża kienu proprju r-ritratti li juru x'kien hemm fuq il-post tal-inċident ftit mumenti wara li dan seħħ, u l-ispjegazzjoni mogħtija mill-partijiet għad-dettalji murija f'dawn ir-ritratti. Il-Qorti semgħet lill-assikurat tas-soċjetà attriċi jispjega li hu kien nieżel mit-triq inkwistjoni b'veloċità li ma tistax titqies eċċessiva, f'pożizzjoni dritta fil-karreġġjata tiegħu, tenut kont li kien nieżel fi triq li fiha għadd ta' liwjiet kif ukoll *lights* u *zebra crossing,* meta f'salt wieħed ra "bħal leħħa sewda għaddejja" u ħass l-impatt li kien qawwi tant li nqalgħet l-*axle* tar-rota li spiċċat fit-triq u nqalgħet ukoll ir-rota ta' quddiem tal-vettura tiegħu, dik tan-naħa tas-sewwieq, filwaqt li l-vettura tiegħu spiċċat titkaxkar 'l isfel, għan-niżla, sakemm waqfet biswit ċint man-naħa l-oħra tat-triq.

Il-Qorti semgħet ukoll lis-sewwieq tal-vettura assikurata mas-soċjetà konvenuta jixhed li hu wkoll kien qiegħed isuq b'veloċità normali, għalkemm is-sewqan tiegħu kien għat-telgħa, meta f'salt wieħed induna li l-vettura misjuqa mill-assikurat tas-soċjetà attriċi kienet dieħla fihom, skont hu minħabba li din kienet qiegħda tinstaq b'veloċità eċċessiva. Cutajar xehed li meta hu kien tiela' mit-telgħa, dak il-ħin it-triq kienet vojta mill-vetturi u min-nies, fattur dan li jagħmilha aktar probabbli li Cutajar ra li t-*traffic lights* li hemm fil-post tal-inċident kienu fuq l-aħdar u allura ma kellux għalfejn inaqqas il-veloċità li kien qiegħed isuq biha. L-uffiċjali tal-Pulizija li waslu fuq il-

post tal-inċident ftit wara kkonstataw li l-ħabta kienet waħda frontali, bil-kantuniera tal-lemin tal-vettura misjuqa minn Joseph Muscat taħbat mal-kantuniera tal-lemin tal-vettura misjuqa minn Francis Ġuda Cutajar. Mill-iskizz esebit, jirriżulta b'mod ċar li l-vettura misjuqa minn Joseph Muscat tkaxkret għal ċertu distanza wara l-impatt, filwaqt li l-fatt li l-vettura misjuqa minn Francis Ġuda Cutajar kellha ħsarat mhux biss fil-parti frontali tagħha, iżda anki fuq wara, huwa indikattiv tal-fatt li mal-impatt din il-vettura mxiet lura u ħabtet ma' xi ħaġa minn wara wkoll.

Il-Qorti kkonsidrat ir-rilevanza tar-ritratti esebiti in atti[34], b'mod partikolari dawk li juru li l-wiċċ tat-triq fejn seħħ l-inċident ingiref mill-vettura misjuqa minn Muscat, min-nofs tat-triq għad-distanza kollha li fiha tkaxkret l-istess vettura sakemm waqfet biswit ċint. F'inċident awtomobilistiku b'impatt daqstant qawwi fejn iż-żewġ vetturi involuti spiċċaw *total loss*, il-fatt li r-rota mqaċċta tal-vettura misjuqa minn Joseph Muscat spiċċat fil-karreġġjata opposta minn fejn kien għaddej Cutajar bil-vettura tiegħu bl-ebda mod ma jista' jingħad li huwa indikattiv tal-punt fejn seħħ l-impatt. Il-Qorti tqis li mhuwiex verosimili li Muscat kien għaddej b'veloċità eċċessiva tenut kont li dan kien qiegħed f'niżla li fiha numru ta' liwjiet, meta kien jaf li fi triqtu ser isib *pedestrian lights* u *zebra crossing.* Il-Qorti tqis li huwa ferm aktar probabbli li kien is-sewwieq tal-vettura assikurata mas-soċjetà konvenuta li kien qiegħed jaċċellera fi triq li kienet vojta kemm min-nies kif ukoll mill-vetturi.

Il-Qorti qieset ukoll li l-ispjegazzjoni dettaljata tal-mod kif seħħ l-inċident mogħtija minn Joseph Muscat li spjega li hu induna bil-vettura l-oħra biss wara li seħħ l-impatt, u li l-vettura tiegħu tkaxkret għal ċerta distanza wara li

[34] *A fol.* 115 sa 120.

nqalgħet ir-rota tal-vettura b'mod li fl-art kien hemm brix li dam jidher għal għadd ta' ġranet, jagħti ħafna aktar kredibbilità l-verżjoni li kien is-sewwieq tal-vettura assikurata mas-soċjetà konvenuta li kien qiegħed isuq b'veloċità eċċessiva, tant li minkejja li mix-xhieda ta' Cutajar u ta' martu rriżulta li ftit tal-mumenti qabel seħħ l-inċident, meta l-vettura l-oħra kienet 'l bogħod minnhom it-tul ta' żewġ karozzi, huma indunaw li Joseph Muscat kien ser jispiċċa jidħol fihom, Cutajar ma kienx f'pożizzjoni li jagħmel xejn biex jevita l-impatt. Il-Qorti tqis illi dan jammonta għal sewqan negliġenti u imprudenti da parti tal-assikurat tas-soċjetà konvenuta, b'tali mod li din għandha tinżamm responsabbli għad-danni li ġarrbet is-soċjetà attriċi bħala konsegwenza tal-inċident awtomobilistiku mertu ta' din il-kawża.

*Il-quantum tad-danni*

Jirriżulta mill-atti li l-valur fis-suq tal-vettura tal-assikurat tas-soċjetà attriċi kien ta' tlettax-il elf Euro (€13,000) li mexa fuqu s-*surveyor* imqabbad minnha. Sussegwentement dan il-valur ġie aġġustat għall-valur ta' erbatax-il elf Euro (€14,000) minħabba li din il-vettura ma tantx kellha mili u kienet ikkundizzjonata. Dan l-aġġustament sar wara li s-soċjetà attriċi kienet in kuntatt mal-assikurat tagħha Joseph Muscat. Ix-xhud Tarcisio Mercieca, il-*freelance surveyor* inkarigat mis-soċjetà attriċi, ta spjegazzjoni dwar kif wasal biex irrakkomanda dan l-aġġustament. Il-Qorti tqis illi m'hemm l-ebda raġuni għalfejn għandha tiddipartixxi minn din il-konstatazzjoni teknika tas-*surveyor* Tarcisio Mercieca, tenut kont ukoll tal-fatt illi s-soċjetà konvenuta ma resqet ebda prova kontrarja.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta;**

2. **Tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi u tiddikjara li l-inċident inkwistjoni seħħ minħabba imprudenza, imperizja u negliġenza da parti ta' Francis Ġuda Cutajar, l-assikurat tas-soċjetà konvenuta;**

3. **Tillikwida d-danni li għandhom jitħallsu mis-soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi fis-somma ta' tnax-il elf u seba' mitt Euro (€12,700);**

4. **Konsegwentement tikkundanna lis-soċjetà konvenuta GasanMamo Insurance Limited tħallas lis-soċjetà attriċi Atlas Insurance PCC Limited fil-vesti tagħha ta' assikuratur tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BEE 140, is-somma ta' tnax-il elf u seba' mitt Euro (€12,700) hekk likwidata.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza, kontra s-soċjetà konvenuta.**

Moqrija.